MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 196/2011/1

**CONSIGLIO LIVORI**

**Vs**

**JACKSONS COMPANY LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-4 ta’ Frar 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“Il-Qorti:-*

*Rat ir-Rikors ipprezentat minn Consiglio Livori fis-17 ta’ Gunju 2011 permezz ta’ liema jitlob li s-socjetà Jacksons Company Ltd. tigi*

*kkundannata thallsu s-somma ta' hamest elef seba' mija tmienja u disghin Euro u sittin centezmu (€5,798.60) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti, rapprezentanti danni minnu sofferti bhala rizultat ta' incident li kellu fuq il-post tax-xoghol fil-25 ta' Jannar 2000, ghal liema incident hija unikament responsabbli s-socjetà Jacksons Company Ltd. minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurtà ta' l-impjegat fuq il-post tax-xoghol, bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi u bl-ispejjez kontra s-socjetà Jacksons Company Ltd.;*

*Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema topponi ghat-talba ta' l-attur u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trapass ta' sentejn mid-data ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, hija ma kellha ebda responabilità ghall-incident de quo; u (iii) in subsidium u minghajr pregudizzju ghal dak eccepit, il-quantum tad-danni reklamati huwa wiehed eccessiv;*

*Semghet ix-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduti ta' l-20 ta' Marzu 2012*[1] *u tat-12 ta' Gunju 2012*[2] *u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012 markati Dok. "CL1" a fol. 13 sa' 20 tal-process;*

*Rat li gew allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Consiglio Livori v. Jacksons Company Ltd." Avviz Nru. 1655/00, li giet ikkancellata fit-18 ta' Settembru 2007;*

*Rat li l-kawza baqghet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;*

---

[1] Fol. 21 tal-process.

[2] Fol. 25 tal-process.

*Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;*

***Ikkunsidrat:***

*Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu is-somma ta' €5,798.60 jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti, rapprezentanti danni minnu sofferti bhala rizultat ta' incident li kellu fuq il-post tax-xoghol fil-25 ta' Jannar 2000, ghal liema incident jikkontendi li hija unikament responsabbli s-socjetà konvenuta minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurtà ta' l-impjegat fuq il-post tax-xoghol. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-eccezzjonijiet fil-meritu li hija ma kellha ebda responabilità ghall-incident de quo u li in subsidium u minghajr pregudizzju ghal dak eccepit, il-quantum tad-danni reklamati huwa wiehed eccessiv.*

*Il-partijiet kontendenti qablu li l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi trattata u deciza hija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, sollevata mis-socjetà konvenuta.*

*Minn qari u konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta ghat-talba attrici huwa immedjatament evidenti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata ma tistax tirnexxi. In effetti ghalkemm is-socjetà konvenuta teccepixxi li l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' sentejn mid-data ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istess hin teccepixxi wkoll li l-quantum tad-danni reklamati mill-attur huwa wiehed eccessiv. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma inkompatibbli ma' xulxin u l-eccezzjoni li l-quantum tad-danni huwa eccessiv effettivament toqtol l-*

*eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li hemm kontestazzjoni dwar il-quantum ta' l-ammont pretiz.*

*Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet* ***Guido J. Vella A.&C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D., Citaz. Nru. 147/88*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, fejn inghad illi l-eccezzjoni ta' l-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti ma' l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li kontestazzjoni tal-quantum u fis-sentenza fl-ismijiet* ***Aluminium Limited v. Earli Limited, Appell Civili Nru. 575/98*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 2004, fejn dwar l-aggravju f'dawk il-proceduri li t-tieni w t-tielet eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta huma kontradittorji, u permezz tat-tielet eccezzjonijiet [sic] is-socjetà konvenuta giet ammettiet li ghandha thallas ghall-appogg lis-socjetà attrici u ghaldaqstant kwalunkwe eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tregix osservat illi d-difensur tas-socjetà appellanti f'dawk il-proceduri ghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Qorti (Sede Inferjuri) fid-disgha u ghoxrin ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet Antonia Attard Gialanzè v. Emanuel Rizzo et. F'din l-ahhar imsemmija kawza – bhal fil-kawza odjerna – il-konvenuti eccepew: "… illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(b) [fil-kawza odjerna l-artikolu 2156(f)] [u fil-proceduri odjerni l-Artikolu 2153] tal-Kodici Civili, u sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat" u fis-sentenza li ghadha kemm saret riferenza ghaliha, dina l-Qorti affermat hekk: "Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom [simili ghat-tielet eccezzjoni fil-kaz odjern] saret bla pregudizzju, anki hawn hemm insenjament car u cioè illi (ara wkoll fost ohrajn id-decizjoni Felice Fenech v. Carmelo Bellia tad-29 ta' Jannar 1960 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili) "… xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ghall-eccepita preskrizzjoni, in vista tal-principju protestatis [recte: protestatio] contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja*

*ghall-preskrizzjoni…”. F’sentenza ohra aktar recenti ta’ dina l-Qorti diversament komposta moghtija fil-hamsa (5) ta’ Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Guido J. Vella A.&C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D. [già citata iktar ‘l fuq f’din is-sentenza] intqal hekk: “L-eccezzjoni ta’ l-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti ma’ l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li [hemm] kontestazzjoni tal-quantum.*

*Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta b’mod car li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta ma tistax u ma ghandhiex tigi milqugha u minflok il-Qorti ghandha tissokkta bis-smigh ta’ dawn il-proceduri fil-meritu.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza.*

*L-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal din l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta.*

Bl-appell taghha minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta appellanti tikkwerela r-ragonament tal-Ewwel Qorti li wassalha sabiex ċaħhdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnha a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn, tikkontendi li dik il-preskrizzjoni kienet attendibbli in kwantu akkompanjata minn eccezzjoni li tghid li l-ammont reklamat hu esagerat **kif ukoll** minn eċċezzjoni fejn huma ikkontestaw ir-responsabbilita għall-inċident mertu tal-kawza.

Din il-Qorti tibda sabiex tosserva illi l-eccezzjonijiet imressqa ‘il quddiem mis-socjeta appellanti huma kontradittorji u dana ghaliex ghalkemm is-soċjetà konvenuta teċepixxi il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikolu 2153 u ukoll illi mhijex responsabbli għall-inċident *de quo* u allura qiegħda tichad li ghandha taghti, fl-istess ħin, imbaghad, teċepixxi fit-tielet eċċezzjoni li jidrilha li ma għandhiex tagħti daqs kemm il-kreditur jippretendi minghandha għaliex skond hija l-ammont huwa esaġerat.

***“Huwa pacifiku qabel xejn illi l-oggett tal-preskrizzjoni huma d-drittijiet soggettivi sostanzjali. Dan huwa hekk logiku minn dak dispost fis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 2107 liema artikolu jfisser il-preskrizzjoni bhala mezz liberatorju biex wiehed jehles minn azzjoni fejn il-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi. Zmien li bhala regola generali u b’disposizzjoni ohra espressa l-ligi tqisu li jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista’ tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta’ l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss (Art 2137). L-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` ndipendenti mill-volonta` tieghu dovuta ghal kawza estranea li ma setax jirrimuovi.[3]”***

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet:

“***Wisq naturali, in meritu ghall-punt hawn ikkunsidrat, ir-rinunzja, minhabba l-effett ta’ fatt jew att inkompatibbli mal-volonta`, tista’ tigi dezunta anke minn certi difizi formulati b’mod li jimplikaw l-ammissibilita` tad-dritt kreditorju. Kif pero` jinsab kawtelat “f’dan l-ezami ghandu***

[3] **Vol XLIX pI p500**

***naturalment isehh il-principju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja tacita, cioe`, illi l-fatt li minnu tigi indotta r-rinunzja tacita jehtieg ikun tali li ma jistax ragonevolment jigi interpretat mod iehor ghajr illi min ghamlu ried jirrinunzja. Dan ifisser illi, biex jista' jinghad li l-konvenuta rrinunzjat tacitament ghall-preskrizzjoni issa eccepita minnha, jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta illi l-ghemil taghha huwa inkompatibbli mal-volonta taghha li tivvantaggja ruhha mill-preskrizzjoni akkwistata". ("Joseph Borg -vs- Nobbli Maria Testaferrata Bonici", Appell Civili, 24 ta' Marzu, 1958);***[4]

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni eċċepita hija inkompatibbli mas-sistema ta' difiża (fit-tielet eċċezzjoni) adottata mis-soċjetà konvenuta li l-ammont huwa esaġerat. Li kieku is-soċjetà konvenuta appellanti waqqfet wara t-tieni eċċezzjoni, (u ċioe li l-ammont huwa preskritt u li hija mhux id-debitrċi) ma kien ikun hemm ebda inkompatibilità bejn l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta konvenuta appellanti. Madanakollu, is-soċjetà appellanti ghazlet li tressaq bhala difiza taghha l-eccezzjoni dwar l-ammont reklamat bhala wiehed esagerat. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien huma inkonciljabbli u inkompatibbli. Huwa minnu dak li tgħid is-soċjetà appellanti illi hija tadotta ukoll il-linja tad-difiża tal-ineżistenza tad-debitu pero hija eċċepiet ukoll li l-ammont huwa esaġerat, liema eċċezzjoni timporta rikonjizzjoni u l-ammissjoni tad-dejn filwaqt li tikkontesta l-*quantum* tal-istess dejn. Bir-rikonjizzjoni tad-dejn is-soċjetà konvenuta appellanti interrompiet kif ukoll taċitament irrinunzjat għall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri.

Għaldaqstant, il-preskrizzjoni opposta mis-soċjetà konvenuta hija ineffikaċi in kwantu inkompatibbli ma' dik l-eċċezzjoni l-oħra illi l-ammont huwa eċċessiv.

[4] Windsor Co Ltd Vs Fithome Ltd, 3 ta' Ottubru 2008

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mar-ragunament milhuq mill-Ewwel Qorti u ma tara l-ebda motiv la legali u lanqas fattwali ‘il ghala ghandha tiddipartixxi mill-istess. Dan ghaliex kif sewwa gie deciz fis-sentenza impunjata, meta s-soċjetà konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni kif ukoll illi l-ammont huwa esaġerat hija qiegħdet lilha innifisha f’sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli il-posizzjoni ġuridika tagħha mal-presunzjoni kostitwenti l-bażi tal-preskrizzjoni. Dan ifisser illi hija ma setgħetx isalvaha billi teċepixxi ukoll illi hija mhux responsabbli għall-inċident mertu tal-kawza u li wassal ghal pretensjoni attrici. Dan huwa l-insenjament ġuridiku tramandat minn gurisprudenza kopjuza, u ċioe illi l-eċċezzjoni li ammont huwa esaġerat huwa inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni stante li eċċezzjoni bħal dik hija ammissjoni tal-kreditu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jithallsu mis-socjeta appellanti

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------